**15 ta' Jannar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Jesmond Bonello

*versus*

Giulio Baldacchino

## Ħabta bejn Żewġ Karrozzi - Kontributorjetà jew le tal-*Main Road User* minħabba Eċċess ta' Veloċità

*Kien kostantement ritenut illi f'ħabta bejn żewġ karrozzi fejn jirrizulta li sewwieq kellu d-dritta u li l-inċident ġara minħabba li l-konvenut ħareġ minn triq laterali u sekondarja bla ma żamm* a proper lookout, *eċċess ta' veloċità da parti tal-*main road user *- anke jekk ippruvat - bħala regola u waħdu ma kienx fattur li jaddebitalu xi kontributorjetà għas-sinistru.*

*Dan b'mod partikolari fejn iż-żewġ sewwieqa kellhom viżwali ta' xulxin fit-tul.*

Il-Qorti:-

L-attur qed jappella minn din is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Diċembru, 1993 li ddeterminat ir-responsabbilità għall-inċident stradali li ġara fl-inkroċju format minn Triq il-Kunvent ma' Triq Tumas Dingli, Ħaż-Żabbar. Il-

Qorti rriteniet lill-attur responsabbli fi grad ta' kwart waqt li tliet kwarti mill-ħtija ġiet addebitata lill-konvenut li ma appellax;

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fis-26 ta' April, 1993 li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-21 ta' Frar, 1993, għal xi l-11.30 p.m. waqt li l-attur kien isuq Mini nru. G-1906 ġo Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-karrozza Golf nru. C-5376 misjuqa mill-konvenut (Dok. I);

Premess illi bħala riżultat ta' l-inċident, l-attur ġarrab danni skond l-annessi dokumenti mmarkati minn Dok. 2 sa Dok. 9;

Premess illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenut, interpellat jagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-attur baqa' inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident fuq riferit u għad-danni li b'konsegwenza ta' l-istess ġarrab l-attur;

Tillikwida d-danni ta' l-attur occorrendo bl-opra ta' periti

nominandi;

Tikkundanna lill-istess konventu iħallas lill-attur dak l-ammont li jiġi likwidat bħala dovut lilu in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 12 ta' Marzu, 1993 u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-2 ta' Ġunju, 1993 li biha eċċepixxa:

Preliminarjament illi dan l-inċident ġara tort ta' l-attur billi huwa kien qed isuq b'veloċità qawwi ħafna għal-lokalità in kwistjoni u kontra r-regolamenti tat-traffiku;

Illi għalhekk id-danni riklamati mill-attur ma għandhomx jiġu mħallsa stante li l-istess attur ikkaġuna l-inċident minħabba l-veloċità tiegħu;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rad id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Il-Qorti għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta'

l-attur limitatament għal tliet kwarti (3/4) mill-ħtija imputabbli għall-konvenut, tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur fl-ammont ta' Lm217.47ċ u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Spejjeż tal-partijiet jinqasmu kwantu għal kwart (1/4) għall-attur u kwantu għal tliet kwarti (3/4) għall-konvenut";

L-attur appella fuq dawn l-aggravji:

Fl-apprezzament inkorrett tal-provi li wassal lill-Ewwel Qorti biex taddebitalu ħtija kontributorja ta' 1/4 tar-responsabbilità għall-inċident u

*Fil-quantum* tad-danni li l-Ewwel Qorti llikwidat u li, fil-fehma tiegħu, kien manifestament żbaljat;

L-inċident mertu tal-kawża kien kolliżjoni bejn Mini misjuqa mill-attur li kienet qed tiġi misjuq fi triq prinċipali (Triq il-Kunvent) u l-Golf misjuqa mill-konvenut li ħareġ minn triq sekondarja u laterali (Triq Tumas Dingli). L-appellant jissottometti illi s-sentenza appellata ġustament kkostata li l-kawża prossima ta' l-inċident kien il-ħruġ intempestiv u mingħajr *proper lookout* tal-konvenut minn triq laterali mmarkata bi *Stop Sign*. L-appellant però isostni li din il-manuvra kienet il-kawża unika u determinanti ta' l-inċident. Inoltre, l-fatt li l-attur seta' kien b'veloċità ftit in eċċess tal-limitu regolamentari ma influwixxa bl-ebda mod id-dinamika ta' l-inċident;

Dan l-aggravju hu ġustifikat u bbażat fil-liġi. Il-fatti ppruvati kienu tali li kollha wasslu lill-Ewwel Qorti għall-konvinċiment illi r-responsabbilità unika għas-sinistru kellha tiġi akkollata fuq il-konvenut;

*Omissis*;

Minn dawn il-fatturi l-qorti neċessarjament trid tasal għal dawn il-konsiderazzjonijiet:

Il-kawża prossima, immedjata u unika ta' l-inċident kienet il-mod inkonsult kif l-appellat qabad u ħareġ minn wara s-*stop sign* bla ma ħa l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jieħu qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali li fiha l-appellant ċertament kellu d-dritta. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jeħtieġlu jipprova xejn biex jiskolpa ruħu għax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreġġjata tiegħu tkun għal kollox ħielsa mit-traffiku li ma kienx qed jiġi bħalu misjuq fuq it-triq prinċipali. Hu żgur li, għalkemm l-appellant kellu jżomm quddiem għajnejh li seta' jkun hemm xi traffiku jistenna biex joħroġ għal fuq il-karreġġjata tiegħu mit-toroq laterali, hu ma kellu l-ebda obbligu li jċedi lil tali traffiku jew li jagħti attenzjoni partikolari għalih. (**Owen Azopardi *vs* May Frances Borg P.A.**, 25/5/92);

*Omissis*;

Kien kostantement ritenut illi f'ċirkostanzi bħall-każ in eżami fejn jirriżulta li sewwieq kellu ovvjament id-dritta u fejn jirriżulta li l-inċident ġara minħabba li l-konvenut ħareġ minn triq laterali u sekondarja bla ma żamm *a proper lookout*, eċċess ta' veloċità da parti tal-*main road user* - anke jekk pruvat - bħala regola u waħdu ma kienx fattur li jaddebitalu xi kontributorjetà għas-sinistru. Dan b'mod partikolari fejn iż-żewġ sewwieqa kellhom - jew suppost li kellhom - viżwali ta' xulxin fit-tul. "Jekk iż-żewġ sewwieqa li jkunu mplikati fil-kolliżjoni setgħu jaraw lil xulxin fi żmien utili, il-fattur ta' veloċità m'għandu x'jaqsam xejn fil-kawża determinanti tal-kolliżjoni ..." (Vol. XXXVI, P. IV, p. 797);

"Ghalkemm l-attur kien qed isuq b'veloċità eċċedenti l-veloċità massima, konsentita mir-regolamenti, dan ma kienx il-kawża determinanti tal-kolliżjoni, imma l-kawża prossima taghha *tinstab* fil-fatt illi l-konvenut (l-*appellat*) li *ra* (f'dan il-każ lanqas *biss ra*) l-karozza ta' l-attur ... meta kien wasal fl-inkroċju tat-toroq ħa r-riskju li sewwieq prudenti ma kellux jieħu billi minflok baqa' fejn kien wieqaf sakemm tgħaddi l-karozza ta' l-attur (l-appellant) invadielu d-dritta tiegħu u ħariġlu *quddiemu* ... Għalhekk huwa responsabbli għall-ħabta l-konvenut *u* mhux l-attur, billi l-esplorazzjoni da parti *tas-side road user* għat-traffiku transitanti fuq triq prinċipali (*multo magis* fejn bħal f'dan il-każ kellu *stop sign*) mhijiex limitata għall-waqfien f'tarf l-inkroċju imma inoltre dan għandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-veloċità ta' vetturi li jkunu *qed* joqorbu lejn l-inkroċju fit-triq prinċipali" (**Alexander Bartolo** *vs* **Kalċedon Micalef**, deċiża mill-Prim'Awla fis-16 ta' Frar, 1972);

Kalkolu u stima li l-appellat ovvjament ma setgħax jagħmel għax *ex admissis* il-vettura ta' l-appellant ma rahiex qabel ma beda ħiereġ minn wara s-*stop sign*;

Il-veloċità eċċessiva (li in *civilibus* mhix limitata għall-veloċità in eċċess ta' dak regolamentari, imma tista' tkun in eċċess ta' dik konsentita lil sewqan prudent skond il-lokalità u ċ-ċirkostanzi) tista' titqies bħala fattur li jaddebita responsabbilità jew kontributorjetà għas-sinistru fil-każijiet fejn jew jiġi ppruvat li dik il-veloċità kienet ukoll kawża prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribixxa b'mod rilevanti għall-aggravament tad-danni kaġonati mill-istess sinistru;

Irid allura jirriżulta dan in-ness ta' kawża u effett li fil-każ taħt eżami ċertament ma jirriżultax. Fil-verità lanqas jirriżulta

tant markatament pruvat dan l-eċċess fil-veloċità, tant li s-surġent li nvestiga l-każ fl-okkorrenza tiegħu ddikjara illi: "Ma kienx hemm ksur tar-regolamenti tat-traffiku". Issa huwa minnu illi l-*main road user* għandu ukoll joqgħod attent f'salib it-*toroq*, imma l-grad ta' diliġenza li tinkombi lis-*side road user* huwa ferm akbar (speċjalment meta jkun obbligat jieqaf wara *stop sign*). Jekk il-provi juru - kif juri f'dan il-każ - illi l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet unikament in-negliġenza tas-*side road user* li bl-għemil tiegħu rrenda l-kolliżjoni inevitabbli, il-*main road user* ma għandu ebda tort fil-kolliżjoni ..." - avolja jista' jkun qiegħed in kontravvenzjoni ta' xi regolament tat-traffiku (Vol. XXXV, pt.IV, p. 1137). Mhux allura leċitu f'ċirkostanzi simli li tiġi akkollata xi parti mir-responsabbilità lill-attur appellant meta jirriżulta assodat illi hu bl-ebda mod ma kien bis-sewqan tiegħu ikkontribwixxa għas-sinistru;

L-appellant ilmenta ukoll dwar il-likwidazzjoni tad-danni mill-Ewwel Qorti li jirritjeni li kienet żbaljata;

*Omissis*;

Anke f'dan ir-rigward l-appell jirriżulta fondat. Hu ċar mill-provi li d-diskrepanza fil-likwidazzjoni hi dovuta għal żvista aktar milli għal ħaġa oħra;

*Omissis*;

Dan l-aggravju ukoll qed jiġi allura milqugħ u din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni konsegwenzjali kollha għall-inċident sofferti mill-attur appellant fis-somma komplessiva ta' Lm409.96 u hu dan l-ammont li l-konvenut appellat hu obbligat li jirriżarċilu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell interpost mill-

attur appellant u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha inkwantu sabet lill-attur responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża fi grad ta' 1/4 u tiddeċidi invece li l-appellat għandu jiġi kif qed jiġi, ritenut unikament responsabbli għall-istess sinistru, tirriformaha ukoll billi tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellant fis-somma ta' Lm409.96 minlok l-ammont ta' Lm289.96 kif likwidati fis-sentenza appellata u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut appellat iħallas lill-attur appellant is-somma ta' Lm409.96 in linja ta' danni kif issa likwidati;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu kollha mill-konvenut appellat. Jiddekorri l-imgħax fuq l-ammont f'din is-sentenza kanonizzat mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.